Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 14 ta' Lulju 2023**
**(OR. en)**

**10769/23**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2022/0033(NLE)**

**RECH 289**
**COMPET 639**
**IND 326**
**MI 539**
**TELECOM 208**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2085 li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa, fir-rigward tal-Impriża Konġunta taċ-Ċipep<br>- Adozzjoni |

1. Fit-8 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta[1] msemmija hawn fuq għal emenda għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-15 ta' Ġunju 2022[2].

3. Il-Parlament Ewropew ħatar lis-Sa Eva MAYDELL (PPE, BG) bħala rapporteur għal din il-proposta. Il-Parlament Ewropew adotta r-rapport tiegħu fil-plenarja tal-15 ta' Frar 2023 b'594 vot favur, 15-il vot kontra u 27 astensjoni.

[1] 6171/22.
[2] ĠU C 365, 23.9.2022, p. 40-43.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta r-Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2085 li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa, fir-rigward tal-Impriża Konġunta taċ-Ċipep, kif jinsab fid-dokument 10164/23 bħala punt "A" fl-aġenda ta' laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

5. Jekk ma jkunx hemm laqgħa tal-Kunsill bi kworum qabel is-26 ta' Lulju 2023, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jiddeċiedi, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub biex jadotta r-Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2085 li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa, fir-rigward tal-Impriża Konġunta taċ-Ċipep